68

Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

Carlo Stivala
vs
L-Awtorita' tal-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
28 FEB 2022
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

Rikors ta' Appell ta' Carlo Stivala

Jesponi bir-rispett:

**Decizjoni Appellata**

1. Permezz ta' Avviz datat 24 ta' Jannar 2022, li kien notifikat lill-esponent fis-27 ta' Frar 2022, l-Awtorita' intimata, permezz tal-Kunsill Ezekuttiv taghha wera l-fehma li l-esponent kien ikkommetta reat taht l-Artikolu 103(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta, billi gewwa s-sit 12, 14, 16, Triq Censu Tabone, San Giljan, *'int, jew persuni nkarigati minnek, wettaqtu zvilupp mingahjr permess, f'post skedat Grad 2 (skont Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 576/94) liema zvilupp jikkonsisti fit-tnehhija ta' galleriji u aperturi ohra tal-injam u railings tal-metall mill-faccata, u tnehhija ta' madum b'disinn tradizzjonali mill-art fl-ewwel sular'*, u li *'inti ksirt il-kundizzjonijiet tal-permess bir-riferenza PA 6075/16 peress li nbeda xoghol minghajr ma osservajt il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess, liema xoghol irrizulta wkoll f'telf ta' materjal ta' valur kulturali minhabba li l-bini kien skedat'*.

Bl-istess Avviz, mibghut skond l-artikolu 105 tal-Kap. 552, l-Awtorita' intimata tat lill-esponent zmien 60 jum biex:

i. jindika fejn pogga l-materjal li nehha, jirrimedja ghar-reat u ghat-telf tal-gallariji u zvilupp iehor li sar minghajr permess u jieqaf kwalunkwe xoghol fuq is-sit sakemm tigi rimedjata l-hsara li saret u tigi approvata l-applikazzjoni tal-izvilupp gdida; u

ii. ihallas multa ta' kompromess ta' €50,000 (hamsin elf Ewro) minhabba ksur tal-ligi li rrizultat ukoll f'telf ta' wirt kulturali li kien anki protett bl-iskedar.

**Aggravji**

2. L-esponent hass ruhu aggravat bl-imsemmija decizjoni u qed jinterponi appell minnha quddiem dan it-Tribunal.

3. L-aggravji tal-esponent *proprio et nomine* huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(a) L-artikolu 105 tal-Kap. 552 jaghti lill-Awtorita' intimata l-poter u d-diskrezzjoni li toffri - lil min jidhrilha li jkun wettaq reat skond l-art. 103(1) tal-Kap. 552 (ghajr ghall-artikolu 103(1)(d)) – il-possibilita' ta' kompromess, minflok tistitwixxi proceduri kriminali ghas-sejbien ta' htija ghal xi wiehed mir-reati elenkati fid-disposizzjoni msemmija.

L-Avviz appellat ma ghandu xejn minn kompromess imma huwa decizjoni finali ta' kundanna kontra l-esponent *proprio et nomine*, kemm dwar ir-reat li l-Awtorita' intimata akkuzatu bih u anke dwar is-sanzjoni.

L-ezercizzju tal-poter moghti lill-Kunsill Ezekuttiv tal-Awtorita' li toffri kompromess jikkostitwixxi decizjoni amministrattiva. Is-setgha li tiddeciedi toffrix kompromess jew le lil min jidhrilha li jkun wettaq reat hija vestita biss fil-Kunsill Ezekuttiv tal-Awtorita' intimata. U sakemm tigi ezercitata dik id-diskrezzjoni, jekk tigi ezercitata, il-persuna involuta ma ghandhiex drittijiet, Pero' ladarba l-Kunsill Ezekuttiva iddecieda li jezercita dan il-poter fir-rigward tal-*esponent proprio et nomine*, twieled favur tieghu l-jedd li jaghti l-verzjoni tieghu u opportunita' biex juri li dak li qed jigi allegat dwaru m'ghandux mis-sewwa, u li tidher is-separazzjoni bejn min akkuzah u min iddecieda dwaru. Ghalhekk, l -Awtorita' intimata kienet marbuta li ssegwi l-principji tal-gustizzja naturali fit-tehid tad-decizjoni amministrattiva dwar dan il-kompromess. Il-ligi stess tghid car li din il-procedura straordinarja l-Awtorita' tista' tehodha kontra persuna li l-Awtorita' tkun qed takkuzaha li wettqet reat kriminali serju (*'il-Kunsill Ezekuttiv jista' jaghti lil dik il-persuna avviz bil-miktub fejn jiddeskrivi r-reat li tieghu dik il-persuna hija akkuzata'*, artikolu 105(1), Kap. 552). Ir-reat huwa necessarjament wiehed minn dawk elenkati fl-artikolu 103 tal-Kap. 552, b'sanzjonijiet iebsa ta' multi minn €1,500 sa €100,000, multi kuljum sakemm jitnehha l-ksur, u skwalifiki, li jistghu anke jkunu kumulattivi.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-Awtorita' intimata kellha tgharraf lill-esponent bl-allegazzjonijiet ta' fatt kontrieh u kif dawn allegatament kienu jikkostitwixxu reat minn dawk elenkati fl-artikolu 103 tal-Kap. 552, u tisma' l-verzjoni tieghu dwar dawk l-allegazzjonijiet (*audi alteram partem*). Dan jghodd b'aktar sahha fejn id-decizjoni amministrattiva tkun bazata effettivament mhux semplicement fuq akkuza ta' reat kriminali, imma ta' sejbien ta' htija ghal reat kriminali serju, minn awtorita' li mhix Qorti ta' kompetenza penali, u fejn dik l-awtorita' tkun akkollat sanzjonijiet horox, kemm f'termini finanzjarji u anke f'termini sostantivi dwar materji amministrati minn dik l-awtorita'.

B'applikazzjoni korretta tal-principji tal-gustizzja naturali, l-Awtorita' intimata ma setghet qatt tasal ghad-decizjoni taghha dwar kompromess, fit-termini tal-artikolu 105 tal-Kap. 552, minghajr ma l-ewwel tinforma lill-esponent *proprio et nomine* bl-allegazzjonijiet li kienet qed tinvestiga dwaru, u taghtih opportunita' xierqa li jaghti spjegazzjoni u jressaq id-difizi tieghu. F'dan il-kaz, fiz-zmien rilevanti, l-esponent Carlo Stivala kellu pendenti quddiem l-Awtorita' intimata applikazzjoni ghal *'Change of use from Class 4A offices to Class 4D, internal alterations and alterations to facade including sanctioning of removal of timber balconies and apertures, existing cement tiles, and dismantling of wrought iron railing. Proposal includes installation of replica of the original timber balconies and apertures, restoration and installation of original wrought iron railings'* u x-xoghlijiet li dwarhom ittiehdet id-decizjoni appellata kienu essenzjalment xoghol ta' tiswija u tnehhija ta' periklu.

Fin-nuqqas tal-Awtorita' li dawn id-drittijiet bazici, id-decizjoni appellata hija nulla u bla effett.

(b) Minghajr pregudizzju, il-kontenut shih tad-decizjoni appellata, konsistenti fl-ordnijiet tal-Kunsill Ezekuttiv fi hdan l-Awtorita' intimata dwar is-sanzjonar tal-allegati nuqqasijiet sostantivi fil-paragrafu wiehed (1), u fl-istess hin, l-imposizzjoni fuq l-esponent *proprio et nomine* tas-sanzjoni penali konsistenti fil-multa massima, hekk imsejha *'ta' kompromess'*, ta'

hamsin elf Ewro (€50,000) fil-paragrafu tnejn (2), jikkostitwixxi kastig doppju ghall-istess nuqqasijiet. B'rimedju ghal dak li l-Awtorita' intimata qed takkuza lill-esponent, il-kompromess li qed toffrilu jikkonsisti filli jammetti li wettaq ir-reat addebit lilu, jirrimedja ghalih billi jibda process skond il-Kap. 552 biex jissanzjona x-xoghol li l-Awtorita' tallega li wettaq bla permess, u fl-istess hin ihallas il-multa massima li l-Awtorita' tista' timponi fuqu b'ezercizzju ta' dan il-jedd taghha taht l-artikolu 105.

Assolutament minghajr pregudizzju ghall-jeddijiet kollha tieghu, inkluz ghall-presunzjoni ta' innocenza fi procediment penali taht l-artikolu 103(b) tal-Kap. 552, l-esponent Carlo Stivala diga' beda process biex tigi sanzjonata s-sitwazzzjoni attwali fuq il-post. L-esponent, u l-Awtorita' intimata, jafu li dan il-process jehtieg li l-esponent ihallas multi qawwija ghal tali sanzjonar. B'dawn il-multi, li l-qies taghhom jizvestihom min-natura ta' penali amministrattiva u jikkwalifikahom bhala sanzjoni penali skond l-interpretazzjonijiet moghtija mill-Qrati dwar drittijiet fundamentali, u bil-*'multa ta' kompromess'* imposta mill-Awtorita' intimata fid-decizjoni appellata, l-esponent ser jispicca kundannat darbtejn ghall-istess allegat reat.

**Talba**

4. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, u dawk l-ohra li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' dan l-appell, inkluz mill-provi u s-sottomissjonijiet ulterjuri li ser jaghmel l-esponent *proprio et nomine* quddiem dan it-Tribunal, huwa jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jiddikjara null u bla effett id-decizjoni appellata tal-Awtorita' intimata datata 24 ta' Jannar 2022 fl-Avviz taht l-Artikolu 105 tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ian Cutajar A&CE**
FALZON & CUTAJAR
Architects and Civil Engineers

Av. Phyllis Aquilina
162, Old Bakery Street, Valletta

Xhieda:

L-esponent ghall-konferma tal-fatti u spjegazzjoni ulterjuri.
Perit Ian Cutajar, Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar jew rapprezentant tieghu u ufficjali ohra tal-Awtorita' ilkoll sabiex jixhdu dwar il-fatti.

**Ian Cutajar A&CE**
FALZON & CUTAJAR
Architects and Civil Engineers

Av. Phyllis Aquilina
162, Old Bakery Street, Valletta

Dokument:

Dok. A: Avviz datat 24 ta' Jannar 2022.

**<u>Ian Cutajar A&CE</u>**
FALZON & CUTAJAR
Architects and Civil Engineers

Av. Phyllis Aquilina
162, Old Bakery Street, Valletta